MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2004

Numru. 12/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**KORONATO CARDONA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **KORONATO CARDONA** ta' sebgha w hamsin sena, bin Paul u Mikelina nee Bigeni, imwieled n-Nadur, Ghawdex nhar d-dsatax ta' Frar 1946 u residenti 'Australia', Triq il-Qiegha, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 23946G gie imressaq quddiemha akkuzat talli fit-tlettax ta' Marzu 2001 ghall-habta tal-hdax u hamsa ta' filghodu fi Triq il-Qiegha, Nadur, Ghawdex, b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-

arti jew profesjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkaguna l-mewt ta' Dusty Attard f'incident stradali.

Rat d-dokumenti esibiti fosthom l-artikolu mibghuta mill-Avukat Generali nhar s-sitta ta' Jannar 2004 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta u dan kif verbalizzat minnu fis-seduta tal-hmistax ta' Jannar 2004.

Semghet lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Huwa d-dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova li Dusty Attard tilef hajtu bhala rizultat tas-sewqan negligenti, traskurat u kolpuz tal-imputat.

Il-perit tekniku nominat mill-Qorti jaghti deskrizzjoni ta' dak li sab fl-access ftit wara li sehh l-incident dwar il-posizzjoni tal-vetturi involut fl-impatt. Huwa jispjiega li l-imputat kien qed isuq vettura tal-ghamla Morris Mini bin-numru ta' registrazzjoni JAR 665 gej minn Triq San Blas diehel fi Triq il-Qiegha, n-Nadur u fil-fatt kien diga dahal fi Triq il-Qiegha *at right angles* ma Triq San Blas u l-mutur tal-ghamla Honda 250 bin-numru ta' registrazzjoni ABJ 107 kien misjuq minn Dusty Attard.

Il-vettura Morris Mini kellha diversi daqqiet fuq il-body, fil-gemb tal-lemin, fuq wara nett ma gemb il-bumper u zewg daqqiet fuq r-rim tat-tyre ta' wara tal-lemin. Fl-art ma gemb il-vettura kien hemm bicciet tal-mica mill-indicator imkisser tal-mutur. Il-bieba tal-lemin tal-Morris Mini kienet miftuha ghal fuq il-mutur.

**Joseph Zammit, espert tekniku xehed** w ikkonferma li minn ezami li huwa ghamel fuq z-zewg vetturi involuti f'dan l-incident stradali, deher li l-hsara li huwa sab fuq iz-

zewg vetturi kienet kompatibbli mal-mod kif sehh l-incident u li ma sab ebda hsara li setghet kienet il-kagun ta' dan l-incident u ghalhekk eskluda b'mod kategoriku li l-incident gie kagjonat minn xi fault jew hsara teknika li kellhom z-zewg vetturi waqt l-incident.

Ma hemmx dubbju li kif jirrizulta mix-xhieda w r-relazzjoni tal-esperti nekroskopici, Dusty Attard mietet bhala rizultat ta' ferita f'rasu kagjonata b'incident awtomobilistiku.

**L-imputat ghazel li jixhed** nhar l-hdax ta' Marzu 2003 fejn spjiega d-dinamika tal-incident. Stqarr li hu kein qed isuq fi Triq San Blas lejn in-nofs tat-triq ghaliex kien xeghel l-indicator tal-lemin peress li xtaq jidhol fi Triq il-Qiegha kif effettivamnet kien ghamel.

Huwa hares mill-mirja tal-gemb u ta' quddiem u hares lura izda ma ra l-ebda vettura gejja u ghalhekk dar ghal Triq il-Qiegha. Fil-hin sema daqqa u ra mutur go fih fil-parti tal-lemin w is-sewwieq kien ferut gravi tant li wara sar jaf li kien miet l-isptar. Mistoqsi jekk rax il-mutur qabel ma dahal fi Triq il-Qiegha, l-imputat wiegeb fin-negattiv u mistoqsi jekk semghax l-mutur gej ghalkemm bit-tieqa mnizzla, wiegeb fin-negattiv wkoll.

Illi apparti l-imputat, xhieda okulari dwar l-incident ma kienx hemm.

Illi d-Difiza issostni li l-incident sehh tort uniku tas-sewwieq tal-mutur u cioe tal-vittma li kien qed isuq b'manjiera traskurata fil-karreggjata hazin b'sewqan eccessiv stante li l-brake marks, u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku. Waqt li l-Prosekuzzjoni temmen li ghalkemm il-vittma setgha kkontribwixxa ghal incident, zgur li l-imputat kellu tort wkoll ghaliex ma hax il-prekawzjonijiet mehtiega biex jaghmel l-manuvra li ghamel u anke ma harisx sew qabel ma dahal fi triq sekondarja fuq l-lemin tieghu.

B'referenza ghall-akkuza moghtija mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti trid tara x'inhuma l-obbligi tas-sewwieq fil-posizzjoni

tal-imputat. Ir-risposta tohrog mill-ligi u senjatament mill-artikolu 225 u 226 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Dan jimporta li l-Prosekuzzjoni trid tipprova f'kazijiet bhal dan odjern li l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz r-regolamenti tat-traffiku.

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Leonard Grech** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn ta' Settembru 1990***, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar n-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepid tal-kolpa gie definit bhala

1. la volontarieta dell'atto;
2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u
3. la possibilita di prevedere.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali moghtija nhar s-sitta ta' Mejju 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Alfred Mifsud** fejn gie deskritt dak li jikkostitwixxi sewqan traskurat [*negligent driving*] u cioe

"*Sewqan traskurat hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx l-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola il-ksur ta' regolament tat-traffiku kif wkoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew kwalita ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ghal sewqan traskurat.*"

Dwar il-kwistjoni ta' kontributorjeta mqajjma mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbatax ta' Dicembru 1957*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmel Grech** fejn inghad illi:

*"Meta bniedem jqieghed lilu nnifsu f'posizzjoni ta' perikolu u jigi ferut huwa jkun negligent. Imma jekk min ferih kien negligenti, wkoll dan jibqa ugwalment responsabbli kriminalment, jekk in-negligenza tal-offiz kienet biss*

*kontributorja u mhux ghal kollox kawza unika u determinati ta' dak li gara."*

F'sede kriminali, kulhadd jwiegeb ghal agir tieghu a meno che dak li jigri ma jkunx dovut unikament w esklussivament ghal htijiet da parti ta' terzi. [vide **Il-Pulizija v Gaetano Schembri** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Marzu 1961*** u **Il-Pulizija v John Polidano** ***deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta ta' Novembru 1963***.]

Id-dinamika tal-incident jidher li kienet is-segwenti:

Koronato Cardona kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni JAR 665 matul Triq San Blas, Nadur sejjer fid-direzzjoni ta' Triq il-Qiegha, meta wasal distanza ta' xi zewg vetturi boghod mit-triq tal-lemin tieghu u cioe Triq il-Qiegha, xeghel l-indicator, ra li ma kienux gejjin vetturi u kiser ghat-triq tal-lemin. F'dak il-mument ma ra ebda vettura jew mutur la quddiemu u lanqas warajh. Sa x'hin sehh l-incident hu lahaq ghamel l-manuvra kollha, tant li l-vettura tieghu kienet kollha kemm hi fi Triq il-Qiegha u kienet bi dritt fl-istess triq.

Dusty Attard kien qed isuq il-mutur bin-numru ta' registrazzjoni ABJ 107 fl-istess direzzjoni fi Triq San Blas gej minn wara l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAR 665 u fl-istess direzzjoni taghha.

Il-vittma pero spicca dahal fil-vettura tal-imputat wara li halla brake marks twal fi Triq San Blas fuq il-karreggjata zbaljata u spicca mahbut fl-imputat.

Ir-raguni ghal tali sewqan tal-vittma mhux spjiegat stante li huwa miet u xhieda ohra dwar dan ma kienx hemm. L-imputat lanqas ma setgha jispjiega s-sewqan tal-vittma stante li ma rahx u ghalhekk hija kwisjtoni ta' *res ipso loquitur* w il-probabilita hi li l-vittma ried jissorpassa lil imputat u ma hax l-prekawzjonijiet necessarji qabel ma ttanta jaghmel tali manuvra. Dan qed jinghad ghaliex il-posizzjoni tieghu kienet f'nofs it-triq u mhux strettament fil-karreggjata tan-naha tax-xellug kif suppost tkun.

Ghalhekk il-probabilita hi li l-incident sehh meta l-vittma tilef il-kontrol tal-mutur waqt is-sorpass, tkaxkar stante il-marki ta' takxkir u spicca mahbut fl-imputat, li kien ghadu kif kiser biex jidhol fi Triq il-Qiegha.

Illi l-Qorti ma taqbilx mal-konkluzzjoni tal-espert nominat fl-inkjesta meta jghid li tista tirrizulta htija fis-sewqan tal-imputat fis-sens li dan setgha kiser f'daqqa b'tali mod li setgha hasad lis-sewwieq miexi fl-istess direzzjoni u dan ghaliex minn imkien ma jirrizulta li l-imputat kiser f'daqqa anzi jirrizulta mix-xhieda tal-imputat mhux kontradetta li huwa saq lejn nofs t-triq ta' San Blas u xeghel l-indicator ghal lemin biex jindika li kien ser idur, dar u meta wasal bi dritt, il-vittma dahal go fih.  Kieku l-azzjoni tal-imputat kienet wahda inaspettata, il-habta kienet issir fi Triq San Blas u mhux fi Triq il-Qiegha.

**Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-artikolu 225 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li l-Prosekuzzjoni m'irnexxilhiex tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi u ghalhekk tiddecidi li tillibera lil imputat KORONATO CARDONA minn kull imputazzjoni u htija.**

**Peress li qed tillibera lil  imputat minn kull imputazzjoni u htija, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba maghmula mill-Prosekuzzjoni ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------